C/2025/6256

19.11.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11992 - MEF / RETELIT / TELECOM ITALIA SPARKLE)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/6256)

1. Fl-10 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Ministero dell'Economia e delle Finanze ("MEF"), l-Italja,

— Retelit S.p.A. ("Retelit"), l-Italja, essenzjalment taħt il-kontroll ta' Asterion Industrial Partners, Spanja,

— Telecom Italia Sparkle S.p.A. ("Sparkle"), l-Italja.

MEF u Retelit se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Sparkle, li bħalissa tinsab taħt il-kontroll uniku ta' TIM S.p.A, l-Italja.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— L-MEF huwa korp governattiv Taljan responsabbli għall-finanzi pubbliċi, it-tassazzjoni, u l-parteċipazzjonijiet azzjonarji tal-Istat f'kumpaniji strateġiċi,

— Retelit hija fornitur ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni Taljan li joffri konnettività tal-fibra, akkomodazzjoni, u soluzzjonijiet tal-cloud, inkluż ċentru tad-data ta' interkonnessjoni,

— Sparkle hija kumpanija internazzjonali tat-telekomunikazzjoni li tipprovdi servizzi tat-telefonija, tad-data, tal-IP, tal-cloud, u taċ-ċentri tad-data għall-operaturi bl-imnut, għall-operaturi bl-ingrossa, u għall-kumpaniji multinazzjonali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11992 — MEF / RETELIT / TELECOM ITALIA SPARKLE

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË